**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Alberto Maturo**

**Kumpilazzjoni Nru. 142/2025 AC**

**Illum, id-9 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Alberto Maturo**, karta tal-identita' 170870A imwieled l-Italja nhar id-19 ta' Awwissu 1985, bin Salvatore u Rina nee' Congiusta, residenti 19, Junior Suites, Blk A, Flt 8, Triq Roger Debattista, Ħamrun, li kien akkużat talli nhar it-12 ta' Frar 2025 u l-15 ta' Frar 2025 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kkaġunajt biża' lil **Aline Cristoni Wang** li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, liema delitt twettaq kontra il-konjuġi jew sieħba ta' qabel u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skont kif ċertifikat minn Dr. Amanda Camilleri Farrugia taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h)(l) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel). Artikolu 339(1)(e) u 202(h) tal-Kodiċi ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Alberto Maturo** għall-benefiċċju ta' **Aline Cristoni Wang** u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-siġurta' ta' **Aline Cristoni Wang**, u dan f'każ ta' ħtija ma' kull piena li din il-Qorti jidrilha xierqa;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skont l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest nhar is-16 ta' Frar 2025 quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Antonello Magri qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-istess imputat bil-ġurament[1];

Rat li waqt l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma jifhimx bil-lingwa Maltija iżda jifhem b'dik Taljana[2], u dehret l-interpretu Imelda Fede sabiex tittraduċi dawn il-proċeduri mil-lingwa Maltija għal dik Taljana u *vice-versa*;

---

[1] Ara a fol 7 *et seq* tal-proċess b'dan li l-verbal ta' nhar is-16 ta' Frar 2025 jinsab a fol 3 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess

Rat li fl-istess seduta[3], wara li sarlu l-eżami mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[4] l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat li waqt l-istess seduta, din il-Qorti, wara li semgħet id-dikjarazzjoni bil-ġurament ta' **Paolo Perricone**[5] li ser jipprovdi residenza alternattiva lill-imputat bl-indirizz "Cusco, P/H 1, Triq il-Barjol, il-Mosta" *ai fini* tat-talba tad-Difiża għall-ħelsien mill-arrest, liema talba ma kienitx opposta mill-Prosekuzzjoni, laqgħet l-istess talba permezz ta' digriet datat l-istess ġurnata[6];

Rat li waqt l-istess seduta, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat għall-benefiċċju tal-*Parte Civile* **Aline Cristoni Wang**[7];

[3] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 9 tal-proċess
[5] Ara a fol 5 tal-proċess
[6] Ara a fol 31 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 32 tal-proċess

Rat li waqt l-istess seduta, *ai fini* tat-tmien kundizzjoni tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, l-imputat iddikjara li m'għandux ċavetta sabiex jaċċedi fil-fond bl-indirizz "19, Junior Suites, Block A, Flat 8, Triq Roger Debattista, il-Ħamrun"[8];

Rat id-dokumenti eżebiti fl-atti proċesswali, senjatament:

1. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat is-16 ta' Frar 2025 għall-Ftuħ tar-Reġistru b'Urġenza[9];

2. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja datat is-16 ta' Frar 2025[10];

3. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/361/2025[11];

4. *Danger Assessment Certification* rigward il-*Parte Civile* **Aline Cristoni Wang** datat l-14 ta' Frar 2025 b'punteġġ ta' 18 (*Extreme Danger*)[12];

5. Ċertifikat Mediku maħruġ favur il-*Parte Civile* **Aline Cristoni Wang** nhar l-14 ta' Frar 2025 mit-Tabiba Dr. Amanda Camilleri Farrugia (MR: 4889)[13];

6. NPS PCR Person Details rigward l-imputat[14];

7. NPS PCR Person Details rigward il-*Parte Civile* **Aline Cristoni Wang**[15];

8. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fil-15 ta' Frar 2025[16];

---

[8] Ara a fol 5 tal-proċess
[9] Ara Dok AM1 a fol 6 tal-proċess
[10] Ara Dok AM2 a fol 10 tal-proċess
[11] Ara Dok AM3 a fol 11 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok AM4 a fol 16 *et seq* tal-proċess
[13] Ara Dok AM5 a fol 22 tal-proċess
[14] Ara Dok AM6 a fol 23 tal-proċess
[15] Ara Dok AM7 a fol 24 tal-proċess
[16] Ara Dok AM8 a fol 25 tal-proċess

9. Mandat t'Arrest u Tfittxija bil-lingwa Maltija fil-konfront tal-imputat datat il-15 ta' Frar 2025[17];

10. Mandat t'Arrest u Tfittxija bil-lingwa Ingliża fil-konfront tal-imputat datat il-15 ta' Frar 2025[18];

11. Kopja tal-Karta tal-Identita' Taljana tal-imputat[19];

12. CD kontenenti l-Istqarrija Awdjo-Viżiva tal-imputat meħuda fil-15 ta' Frar 2025[20];

13. Il-Karta tal-Identita' tal-imputat[21];

14. Il-Passaport tal-imputat[22].

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-mertu fis-seduta tas-16 ta' Frar 2025;
Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li din il-kawża hija differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat kien mixli talli nhar it-12 ta' Frar 2025 u l-15 ta' Frar 2025 ġewwa dawn il-Gżejjer:

[17] Ara Dok AM9 a fol 26 tal-proċess
[18] Ara Dok AM10 a fol 27 tal-proċess
[19] Ara Dok AM11 a fol 28 tal-proċess
[20] Ara Dok AM12 a fol 29 tal-proċess
[21] Ara a fol 30 tal-proċess
[22] Ara a fol 36 tal-proċess

1. Kkaġunajt biża lil **Aline Cristoni Wang** li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, liema delitt twettaq kontra il-konjuġi jew sieħba ta' qabel u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skont kif ċertifikat minn Dr. Amanda Camilleri Farrugia taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h)(l) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Aline Cristoni Wang (sieħba tiegħu ta' qabel). Artikolu 339(1)(e) u 202(h) tal-Kodiċi ta' Malta.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, fis-seduta tas-16 ta' Frar 2025, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijet kif dedotti fil-konfront tiegħu. Wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u wara li tagħtu l-opportunita' sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

*In oltre*, minn kif sostnut aktar 'il fuq, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita d-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, u għalhekk in vista tal-istess dikjarazzjoni, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu ipprovati sal-grad rikjest;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, u ċioe' fil-preżentata, u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex għalfejn tutilizza ħin u riżorsi sabiex tiġbor il-provi rigward il-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet. F'dan il-punt din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede

Inferjuri) deċiża fit-13 ta' Settembru 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**[23], fejn sostniet is-segwenti:

*23. Illi jiġi rilevat illi l-appellanta ammettiet fil-proċeduri kriminali odjerni u għalhekk ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil-kawża: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

*24. Illi f'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.):*

*a. "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

*b. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a coaccused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given*

[23] Appell Nru. 414/2023, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġni 15-17; Ara wkoll f'dan is-sens Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

*significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

c. *Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain .....”*

fejn dawn il-Qrati argumentaw favur it-tnaqqis fil-piena f'każ li l-imputat jirreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u konsegwentement jiffranka l-ħin u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

2. L-ammissjoni tal-imputat li saret liberament u mingħajr ebda kundizzjoni u/jew riżerva;

3. In-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' “vjolenza domestika”[24] fil-kuntest ta' “familja jew unita'

[24] '"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u,

domestika"[25] hekk kif imfissrin fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta[26], u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet, speċjalment meta wieħed iqis l-aggravji addebitati lil dawn ir-reati;

4. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

5. Dak li ingħad fit-trattazzjoni finali waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2025, fejn min-naħa tagħha l-Prosekuzzjoni tagħmel referenza għall-Fedina Penali netta tal-imputat u l-kooperazzjoni sħiħa tiegħu mal-Pulizija matul l-investigazzjoni ta' dan il-każ, u r-rakkomandazzjoni tagħha għal piena ta' Ordni ta' *Probation* fil-konfront tal-imputat flimkien ma' Ordni ta' Trażżin għas-sigurta' tal-*Parte Civile*, fejn il-partijiet qablu li din tkun ad eċċezzjoni tal-aċċess għall-minuri.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha flimkien, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li dak li seħħ matul is-seduta tas-16 ta' Frar 2025, partikolarment dak sottomess mill-partijiet fl-istess seduta, ma jorbotha bl-ebda mod rigward il-piena li għandha tkun erogata, speċjalment meta tqis in-natura tar-reati li huma addebitati lill-imputat u l-portata tagħhom. Minn dak esebit fl-atti, senjatament ir-Rapport tal-NPS[27] u d-*Danger Assessment* fir-rigward tal-*Parte Civile* b'punteġġ ta' 18 (*Extreme Danger*)[28], joħroġ element ta' kontroll fuq l-istess *Parte* Civile u l-finanzi tagħha da parti tal-imputat, kif ukoll rabja fil-konfront tagħha (li b'ammissjoni tiegħu stess irriżultaw ukoll fi vjolenza fiżika), liema fatturi jkomplu jirrinkwadraw l-imputazzjonijiet odjerni fid-definizzjoni ta' vjolenza domestika hekk kif imsemmija aktar 'il fuq. Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti tagħmilha ċara li dawn l-imputazzjonijiet huma fil-fatt ta' natura serja, huwa minnu wkoll li din il-Qorti għandha tqis l-aspett soċjali tal-każijiet ta' vjolenza domestika, u konsegwentement irid jinstab bilanċ bejn il-gravita' tar-reati kkontemplati bil-pieni li jġorru magħhom, u ċ-ċirkostanzi

---

jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.'

[25] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 2(b) u (d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li jsostnu s-segwenti:
"(b) persuni li għandhom jew li kellhom wild in komuni
"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima;"

[26] Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika

[27] Ara Dok AM3 a fol 11 *et seq* tal-proċess

[28] Ara Dok AM4 a fol 16 *et seq* tal-proċess

tal-każ odjern imsemmija aktar 'il fuq (senjatament l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Fedina Penali netta tiegħu, u l-fatt li l-partijiet għandhom wild in komuni), sabiex fl-aħħar mill-aħħar, il-piena inflitta tkun waħda ekwa u ġusta. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li minflok tingħata piena karċerarja effettiva, jkun aktar idoneju li l-imputat jitqiegħed taħt forma ta' superviżjoni sabiex jindirizza l-problema ta' rabja li għandu kif ukoll l-element ta' kontroll imsemmi aktar 'il fuq, u dan bl-iskop aħħari li inċidenti bħal dawk imsemmija fl-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri ma jirrepetux ruħhom għall-ġid tal-imputat stess, tal-*Parte Civile*, u tal-wild li għandhom bejniethom.

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 250(1), l-Artikolu 251(1), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(f), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 339(1)(e) u l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 2, l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 2(d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess, **issib lill-imputat Alberto Maturo ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu**, iżda *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati **Alberto Maturo** taħt **Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza** sabiex jindirizza l-problema ta' rabja tiegħu u kwalunkwe problema psikoloġika oħra li tista' tkun konstatata mill-professjonisti nkarigati, b'dan illi l-ħati **Alberto Maturo** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lil **Alberto Maturo** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel

reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **Alberto Maturo**;

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem fil-konfront tal-ħati il-provvedimenti tal-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384 u l-Artikolu 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-istess Kapitolu, qiegħda, b'żieda mal-piena erogata, tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-*Parte Civile* **Aline Cristoni Wang** għal żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi din l-Ordni tapplika fl-intier tagħha ad eċċezzjoni tal-aċċess għall-minuri **Isabella Cristoni Maturo**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika fil-konfront tal-ħati l-provvedimenti tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li jekk kien hemm xi danni sofferti, dawn ma kienux kwantifikati;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**